

Il-Klabb ta'



# Martina

Hello tfal, nispera li tinsabu tajbin!

## Ġewż Lewż Qastan Tin

## Kemm Inħobbu 'l San Martin

Ħbieb, waslet il-festa ta' San Martin! Jiena ninsab tassew ferħana għax dan hu l-qaddis patrun tiegħi. Bla dubju ta' xejn, ħsiebna jmur fuq kemm se jkun fiha ħelu u frott tajjeb il-borża li jtuna f'din il-festa…imma nafu xi ħaġa fuq dan San Martin? Naħseb ħafna minna jiftakru li San Martin kien iben familja sinjura u sar suldat Ruman.

Darba, meta kien qed jivvjaġġa, ra raġel fqir iħoss ħafna bard. San Martin tħassru, waqaf ħdejh, qasam il-mantar fi tnejn u tah biċċa mill-mantar tiegħu. Kemm kien ta' qalb tajba! Kien lest iħoss ftit tal-bard hu biex dak ir-raġel iħossu aħjar! Ftit taż-żmien wara, San Martin tgħammed u sar patri u wara Isqof ta' Tours. Ħajtu għexa jipprietka fil-kampanja u jgħin lil ħafna fqar.

Ħbieb, San Martin jgħallimna naqsmu mal-oħrajn. Ta lir-raġel fqajjar xi ħaġa li hu kien għad kellu bżonn. U allura jgħallem lilna biex nagħtu minn dak li għandna, mhux nagħtu minn dak li m'għandniex iktar bżonn. San Martin illum qed iwasslilna messagg biex jekk bhalha eżempju nkunu se nagħtu xi toys lit-tfal fil-missjoni, nagħtu mit-toys it-tajbin tagħna u mhux intuhom dawk li xbajna minnhom. B'hekk inkunu qed nimxu fuq l-eżempju sabiħ li tana hu.

Mela, waqt li llum nifirħu bil-borża, nfittxu li tassew nkunu ħbieb tajba ta' Ġesù billi nagħmlu dak li hu jgħidilna fil-Vanġelu meta qalilna 'Tassew, ngħidilkom, kulma tagħmlu mal-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu qed tagħmluh miegħi'. Kien dan li mexxa lil San Martin ikun ħabib ta' Ġesù billi fittex li fil-ħajja tiegħu jgħin u jieħu ħsieb tal-fqar u dawk l-iktar fil-bżonn.

Fl-aħħar nixtieq li llum nitolbu, 'Mulej, Ġesù, agħmel li fuq l-eżempju sabiħ li tajtna permezz ta' San Martin, inkunu minn tal-ewwel biex naqsmu minn dak li għandna ma' min hu iktar fil- bżonn u b'hekk nieħdu ħsieb iktar ta' xulxin!'

Nselli għalikom u niltaqgħu ma ndumux, **MARTINA**

# THE 7 ACTS OF MERCY







**Then the King will say to those on his right, ‘Come, you who are blessed by my Father...For I was hungry and you gave \me something to eat, I was thirsty and you gave me something to drink, I was a stranger and you invited me in, I needed clothes and you clothed me, I was sick and you looked after me, I was in prison and you came to visit me.’ Mt 25:31-40**

**Find the words listed below in the wordsearch and think how they are related to the story of San Martin**

SPIRITUAL DEVELOPMENT IN SCHOOLS
PRAYER ACTIVITY
sds.mt/resource/st-martin-s-bag/

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | R | N | U | T | S | T | D | H | O | E | O | R | E |
| E | B | T | S | D | R | I | R | E | M | P | I | R | E |
| Z | I | T | O | M | K | S | E | O | E | R | R | N | C |
| I | N | O | L | O | C | S | A | S | D | E | O | M | N |
| T | M | U | D | S | S | O | M | L | E | L | O | S | I |
| P | T | R | I | O | R | C | M | I | L | C | P | S | L |
| A | A | S | E | E | N | A | F | M | T | E | T | R | M |
| B | M | O | R | R | R | R | Y | R | U | R | S | E | U |
| D | E | F | U | N | O | D | U | U | U | N | S | U | R |
| C | L | O | A | K | M | O | A | N | U | I | I | E | A |
| E | M | A | R | T | I | N | M | H | L | A | T | T | P |
| P | O | B | E | C | L | D | H | F | T | U | N | S | Y |
| T | D | S | R | S | S | N | L | P | Z | B | F | S | R |
| Z | S | H | A | R | E | S | R | O | R | T | K | P | U |



**Martin** **Dream** **Fruits**
**Soldier** **Community** **Nuts**
**Empire** **Tours** **Share**
**Cloak** **Poor** **Baptized**

## Ġewż Lewż Qastan Tin
## Kemm Inħobbu ‘l San Martin

Email info@loop.mt
Telephone 25906309
@loop.mt
loop.mt